— it-tieni nett, peress li s-sejħa in kwistjoni tmur kontra u/jew mhijiex konformi ma' l-Artikolu 229 KE, kif emendat mill-Artikolu 19 ta' l-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja ([2]) (iktar 'il quddiem "l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003") kif ukoll il-Protokoll Nru 10 dwar Ċipru ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003 ([3]), u

— it-tielet nett, peress li tmur kontra u/jew mhijiex konformi ma' l-obbligi li jirriżultaw mir-regoli imperattivi tad-dritt internazzjonali u tar-Riżoluzzjonijiet 541 (1983) u 550 (1984) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, u

— fir-raba' lok, peress li ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

([1]) ĠU L 65, p. 5.
([2]) ĠU L 236, p. 33.
([3]) ĠU L 236, p. 955.

## Rikors ippreżentat fit-22 ta' Frar 2008 — Ir-Repubblika ta' Ċipru vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-91/08)

(2008/C 142/50)

*Lingwa tal-kawża: Il-Grieg*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika ta' Ċipru (rappreżentant: P. Kliridis)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla s-sejħa għal offerti EuropeAid/126172/C/SER/CY, għall-għoti tal-kuntratt intitolat "Żvilupp u ristrutturazzjoni ta' l-infrastrutturi tat-telekomunikazzjonijiet — Taħriġ, żvilupp ta' kapaċitajiet u ġestjoni tal-proġett'" li ġiet ippubblikata fil-lingwa Ingliża biss fis-sit http://ec.europa.eu/europaid/tender/data/ bejn wieħed u ieħor fit-12 ta' Diċembru 2007, u li jiġu annullati l-Artikoli 5 u 28.2 ta' din is-sejħa.

— tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti ssostni li s-sejħa kkontestata hija illegali għar-raġunijiet li ġejjin:

— l-ewwel nett, peress li l-Kummissjoni, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha, għamlet sejħa *ultra vires* jew bi ksur tal-bażi ġuridika tagħha, b'mod partikolari tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006 tas-27 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi strument ta' sostenn finanzjarju għall-inkoraġġiment ta' l-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Turko-Ċiprijotta u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2667/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000 dwar l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni ([1]).

— it-tieni nett, peress li s-sejħa in kwistjoni tmur kontra u/jew mhijiex konformi ma' l-Artikolu 229 KE, kif emendat mill-Artikolu 19 ta' l-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja ([2]) (iktar 'il quddiem "l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003") kif ukoll il-Protokoll Nru 10 dwar Ċipru ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003 ([3]), u

— it-tielet nett, peress li tmur kontra u/jew mhijiex konformi ma' l-obbligi li jirriżultaw mir-regoli imperattivi tad-dritt internazzjonali u tar-Riżoluzzjonijiet 541 (1983) u 550 (1984) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, u

— fir-raba' lok, peress li tmur kontra u/jew mhijiex konformi mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri, stabbilit mill-Artikolu 10 KE, u

— fil-ħames lok, peress li ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

([1]) ĠU L 65, p. 5.
([2]) ĠU L 236, p. 33.
([3]) ĠU L 236, p. 955.

## Rikors ippreżentat fit-22 ta' Frar 2008 — Ir-Repubblika ta' Ċipru vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-92/08)

(2008/C 142/51)

*Lingwa tal-kawża: Il-Grieg*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika ta' Ċipru (rappreżentant: P. Kliridis)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla s-sejħa għal offerti EuropeAid/126111/C/SER/CY, għall-għoti tal-kuntratt intitolat "Għajnuna teknika in sostenn tar-riforma fis-seħħ fis-setturi tat-tagħlim primarju u sekondarju" li ġiet ippubblikata fil-lingwa Ingliża biss fis-sit http://ec.europa.eu/europaid/tender/data/ bejn wieħed u ieħor fl-14 ta' Diċembru 2007, u li jiġu annullati l-Artikoli 5 u 28.2 ta' din is-sejħa.

— tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrenti ssostni li s-sejħa kkontestata hija illegali għar-raġunijiet li ġejjin:

— l-ewwel nett, peress li l-Kummissjoni, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha, għamlet sejħa *ultra vires* jew bi ksur tal-bażi ġuridika tagħha, b'mod partikolari tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006 tas-27 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi strument ta' sostenn finanzjarju għall-inkoraġġiment ta' l-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Turko-Ċiprijotta u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2667/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000 dwar l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni [1].

— it-tieni nett, peress li s-sejħa in kwistjoni tmur kontra u/jew mhijiex konformi ma' l-Artikolu 229 KE, kif emendat mill-Artikolu 19 ta' l-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja [2] (iktar 'il quddiem "l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003") kif ukoll il-Protokoll Nru 10 dwar Ċipru ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003 [3], u

— it-tielet nett, peress li tmur kontra u/jew mhijiex konformi ma' l-obbligi li jirriżultaw mir-regoli imperattivi tad-dritt internazzjonali u tar-Riżoluzzjonijiet 541 (1983) u 550 (1984) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, u

— fir-raba' lok, peress li tmur kontra u/jew mhijiex konformi mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri, stabbilit mill-Artikolu 10 KE, u

— fil-ħames lok, peress li ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

(1) ĠU L 65, p. 5.
(2) ĠU L 236, p. 33.
(3) ĠU L 236, p. 955.

---

## Rikors ippreżentat fit-22 ta' Frar 2008 — Ir-Repubblika ta' Ċipru vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-93/08)**

(2008/C 142/52)

*Lingwa tal-kawża: Il-Grieg*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika ta' Ċipru (rappreżentant: P. Kliridis)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla s-sejħa għal offerti EuropeAid/125671/C/SER/CY, għall-għoti tal-kuntratt intitolat "Għajnuna teknika fil-qasam ta' l-irrigazzjoni u l-immaniġġjar ta' l-uċuħ tar-raba'" li ġiet ippubblikata fil-lingwa Ingliża biss fis-sit http://ec.europa.eu/europaid/tender/data/ bejn wieħed u ieħor fl-14 ta' Diċembru 2007, u li jiġu annullati l-Artikoli 5 u 28.2 ta' din is-sejħa.

— tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrenti ssostni li s-sejħa kkontestata hija illegali għar-raġunijiet li ġejjin:

— l-ewwel nett, peress li l-Kummissjoni, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha, għamlet sejħa *ultra vires* jew bi ksur tal-bażi ġuridika tagħha, b'mod partikolari tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006 tas-27 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi strument ta' sostenn finanzjarju għall-inkoraġġiment ta' l-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Turko-Ċiprijotta u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2667/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000 dwar l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni [1].

— it-tieni nett, peress li s-sejħa in kwistjoni tmur kontra u/jew mhijiex konformi ma' l-Artikolu 229 KE, kif emendat mill-Artikolu 19 ta' l-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja [2] (iktar 'il quddiem "l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003") kif ukoll il-Protokoll Nru 10 dwar Ċipru ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003 [3], u

— it-tielet nett, peress li tmur kontra u/jew mhijiex konformi ma' l-obbligi li jirriżultaw mir-regoli imperattivi tad-dritt internazzjonali u tar-Riżoluzzjonijiet 541 (1983) u 550 (1984) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, u

— fir-raba' lok, peress li tmur kontra u/jew mhijiex konformi mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri, stabbilit mill-Artikolu 10 KE, u

— fil-ħames lok, peress li ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

(1) ĠU L 65, p. 5.
(2) ĠU L 236, p. 33.
(3) ĠU L 236, p. 955.

---

## Rikors ippreżentat fis-7 ta' Marzu 2008 — Ir-Repubblika ta' Ċipru vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-119/08)**

(2008/C 142/53)

*Lingwa tal-kawża: Il-Grieg*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika ta' Ċipru (rappreżentant: P. Kliridis)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej